# L-ISQOF MOLINA JŻUR IL-PARROĊĊA TA' BORMLA FL-1680

Wara li fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra rajna t-tieni parti tal-viżta ta' l-Isqof Molina, li ġġib is-sena 1680, din is-sena se naraw it-tielet u l-aħħar parti ta' din il-viżta meta l-Isqof żar il-knejjes l-oħra li kienu jinsabu f'Bormla.

Din l-aħħar parti hija ddedikata lill-knejjes l-oħra li kienu jinsabu f'Bormla f'dawk iż-żminijiet.

Hu beda ż-żjara tiegħu bil-knisja tal-patrijiet Tereżjani ddedikata lil Santa Tereża. L-Isqof Molina jgħid li din il-knisja twaqqfet fl-1625 fi żmien il-Gran Mastru De Paule u bil-għajnuna ta' l-Isqof Cagliares. Dan l-Isqof Malti kien xtara l-art mingħand il-Kontadin Frater Claudio skond kif jidher fl-atti tan-nutar Pietro Paolo Vincelli.

L-Isqof Molina jgħaddi mbagħad biex isemmi ċerti obbligi fosthom dwar il-bini ta' kappella ddedikata lil San Ġużepp u bid-dmir ta' ċelebrazzjoni ta' numru ta' quddies f'din il-kappella. Biex inbena l-ġnien ta' dan il-kunvent kellha tinxtara d-dar ta' Dun Marjan Testaferrata.

Wara, l-Isqof Molina josserva li l-kampnar ta' din il-knisja mbena fl-1656 u wara hu josserva li f'nofs il-knisja, taħt l-artal maġġur jinsab midfun l-Inkwiżitur Cavaletti li kien miet f'Mejju ta' l-1652 imdawwar minn 24 reliġjuż ta' din il-komunità.

Fl-1683 beda jinbena l-oratorju u l-kmamar tal-formazzjoni li għalihom il-Gran Mastru Caraffa kien ħareġ is-somma ta' ħames mitt skud.

Mill-knisja tat-Tereżjaniu, l-Isqof Molina jgħaddi biex ikellimna dwar il-knisja ta' San Pawl mibnija l-ewwel darba fl-1590 skond kif jidher fl-atti tan-nutar Albanio Nikola Micallef. L-Isqof jgħidilna li din il-knisja kienet inbniet fil-post fejn qabel kien imwaqqaf salib tal-ġebel li kien inbena fl-1585, u li dan kien imgħolli fuq kolonna u li wara dan kien ġie mibni fiċ-ċimiterju li kien ma' l-istess knisja.

Il-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl kienet tiġi ċċelebrata kull sena f'din il-knisja bil-kant ta' l-għasar u b'purċissjoni li kienet titlaq mill-parroċċa għal din il-knisja u li fiha kienet tinġarr ir-relikwija tal-qaddisa li matul is-sena kienet tintrafa fil-kappellun tal-Kurċifiss..

Din il-knisja kellha wkoll bosta obbligi ta' quddies u ċelebrazzjonijiet li mal-mixja tas-snin kienu ħallewhom id-devoti tagħha.

Minn din il-knisja ta' San Pawl, l-Isqof Molina jgħaddi biex ikellimna dwar il-knisja ta' Santa Margerita. Hu jibda biex jgħid li din hi qadima ħafna u tinsab qrib il-fortifikazzjonijiet mibnija minn Frienzola.

F'dan ir-rapport l-Isqof Molina jsemmi li l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Tumas Gargallo kien jgħix qrib din il-knisja u miet fl-istess post fl-10 ta' Ġunju 1614. Il-kadavru tiegħu kien ġie trasportat minn Santa Margerita għall-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt fejn indifen fil-kappella ta' Monserrat.

Il-monasteru oriġinali kien inħatt biex jagħmelk il-wiesa' għall-bini tal-fortifikazzjonijiet, u aktar tard inbnew il-knisja u l-kunvenut ta' llum fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt u għalhekk fil-faċċata saru tlett armi tar-Reliġjon, tal-Gran Mastru Wignacourt u ta' l-Isqof Gargallo.

L-Isqof Molina jsemmi imbagħad il-knisja ta' San Damaso Papa, li billi kienet mibnija fil-linja fejn inbnew il-fortifikazzjonijiet il-ġodda kellha tiġi maħtuta. Minflokha, fl-1598 l-Isqof Gargallo waqqaf kappella fil-knisja tal-Ġiżwiti.

L-Isqof isemmi wkoll il-knisja ta' Sant'Elena li kienet ġiet profanata darbtejn fis-27 ta' April 1659 mill-Isqof Balaguer u mill-Isqof Bono fl-1668. Wara dan il-kwadru titulari kien ġie meħud fil-parroċċa.

Barra l-festa titulari f'din il-knisja kienu jiġu ċċelebrati seba' festi prinċipali f'ġieh il-Madonn u għal dan l-iskop ma' din il-knisja kien hemm marbuta bosta obbligi ta' quddies.

Nota qasira fi tmiem ir-rapport ta' din il-vista naqraw li f'Bormla f'dak iż-żmien kienu jgħixu elfejn u erba' mitt ruħ imqassma fi tmien mija u ħamsa u għoxrin familja.

*Tas-Sliema*
3 ta' Novembru, 1993 **Tony Terribile**

